MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1064/2005

**Ray Muscat (ID217666M))**
**vs**

**Jimmy Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm674.40), dovuta ghall-servizzi rezi lill-konvenut da parti ta' teknici mpjegati tal-attur.**
**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-16 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'**

**sitt mija u erbgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm674.40).**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------